**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 t'Ottubru 2022**

Rikors Numru: 135/22 AL

A B

vs

C D

(MR Numru 1156/2008)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt itfal, senjatament E u F, illi t-tnejn ghadhom minorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv, fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, li kopja legali tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. 'B'.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), u jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-tieni klawsola (2) tad-dispozizzjonijiet generali ta' l-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

6. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni lanqas ghal dak illi jirrigwarda l-manteniment dovut lill esponenti ghall-minuri msemmija, stante illi dan diga' thallas, fl-intier tieghu, ai termini tal klawsola numru tlieta u tletin (33) tal-kuntratt ta' separazzjoni.

7. Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 t'April 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Mejju, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.